MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 57/2008

**Maria Rosaria Zerafa (ID 370353M)**

**vs**

**Charles Sammut (ID 491167M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi hija tikri lill-intimat Charles Sammut il-garage numru 28 formanti parti minn Blokk ta’ appartamenti bl-isem ta’ Bellagija Flats gewwa Triq San Guzepp, Pieta versu l-kera ta’ lira wahda maltija kuljum illum ekwivalenti ghal Euro 2.33 pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem;

Illi dan il-garage kien inkera ghal skopijiet ta’ parkeggjar ta’ vettura private;

U dan peress illi l-istess intimat ilu ma jhallas il-kera dovuta sa mit-28 ta’ Marzu 2007 nonostante li kien gie interpellat diversi drabi biex jaffetwa tali hlasijiet;

U peress illi r-rikorrenta ghandha bzonn dan il-garage ghall-uzu personali taghha;

Ghaldaqstant, l-esponenta titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu ghar-raguni jew ragunijiet fuq esposti jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-garage in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-istess Bord u kwindi jawtorizza lil-esponenta tirriprendi l-pussess liberu u vakanti ta’ dan l-istess garage kif ordnat minn dan il-Bord;

Ra illi l-intimat debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni la wiegeb u anqas deher biex jikkontesta t-talbiet kontra tieghu;

Semgha lir-rikorrenti li kkonfermat bil-gurament taghha sia il-kontenut tar-rikors kif ukoll illi ma kienx hemm ebda hlas da parti tal-intimat minn meta kien notifikat b’din il-procedura u ghalhekk jirriuzlta pruvat li l-intimat kien debitament interpellat biex ihallas ghall-kera minnu dovuta ghall-uzu tal-fond in kwistjoni;

Illi ghalhekk ai termini tal-artikolu 9(a) (1) u (b) tal-Kap 69, il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizza r-ripreza tal-fond konsistenti f’garage numru 28 formanti parti minn Blokk ta’ appartamenti bl-isem ta’ Bellagija Flats gewwa Triq San Guzepp, Pieta mir-rikorrenti u dan fi zmien tlett gimghat mil-lum wara liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhalli liberu u vakant l-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------